MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 1077/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**David Tanti ta' 49 sena bin Innocenzo u Salvina nee` Spiteri imwieled Mtarfa fit-8 ta' Settembru 1963 u joqghod Flat 5 Blokk D Bieb 4 Ghajn Kajjet Rabat detentur tal-karta tal-identia` numru 515563M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat:

Talli fil-21 ta' Settembru 2012 ghal habta ta' 6.30pm u/jew zminijiet/hinijiet qabel waqt li kien gewwa l-fond LIDL Malta li jinsab f Triq il-Karmnu Hal-Luqa u /jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' ikel, ghodda, sapun u/jew oggetti u/jew affarijiet ohra ilkoll ghal valur ta' madwar

673.91 ewro, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, hin, lok, u bil-persuna ghad-detriment ta' Nile Denally mil-Irlanda u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess cirkusanzi f'dawn il-gzejjer xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reaat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti jikkonsistu f'ikel, ghodda, sapun u/jew oggetti u/jew affarijiet ohra propjeeta ta' Nile Danelly mill-Irlanda u/jew p[ersuni ohra.

B'hekk rrenda ruhu recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi ikkopera mal-pulizija u irritorna ir-resfurtiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(d)(c)(e), 267, 268, 269, 270, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza tar-recidiva issibu hati tal-kumplament, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lil hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------